MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 2555/1998/1

**Dun Mikiel Camilleri**

**vs**

**Frans Ghirxi editur l-Orizzont**

**Il-Qorti;**

1. Dan hu appell minn sentenza f'kawza ta' libell moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru, 2001. Permezz ta' att ta' citazzjoni prezentat fl-4 ta' Dicembru, 1998 l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut, bhala editur

tal-gazzetta "L-Orizzont", kien immalafamah permezz ta' zewg artikoli ppublikati fil-harga ta' l-imsemmija gazzetta tat-13 ta' Ottubru, 1998 u tat-22 ta' Ottubru, 1998 -- artikoli li, skond l-attur, attribwewlu "fatti determinanti [**recte:** determinati] bl-iskop li joffendu l-unur tieghu u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku" --, u wara li ppremetta wkoll li l-konvenut, ghalkemm ippublika ittra bhala risposta ta' l-attur naqas li jaghtiha l-istess prominenza li kellhom l-artikoli imsemmija, talab li l-ewwel Qorti (1) tiddikjara li l-konvenut ta malafama lill-attur bl-istampat fuq imsemmi, li ghandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima ta' l-imsemmi attur, u (2) li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dik is-somma li l-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira bhala danni u riparazzjoni ta' ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni msemmija – bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-26 ta' Ottubru, 1998.

2. In-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut tghid testwalment hekk:

**"Jeccepixxi bil-qima:**

**1. Fl-ewwel lok l-attur irid jipprova li l-eccipjent kien l-editur tal-harga tal-Orizzont imsemmija.**
**2. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax l-attur mhux identifikat jew identifikabbli mill-"average reader" – kriterju baziku fil-qasam ta' l-istampa.**
**3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-materjalita` tal-haga hi pjuttost haga vojta u insinjifikanti u mhiex oggett prospettat mil-Legislatur ghall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet tal-Ligi tal-Istampa.**
**4. Illi kull oggezzjoni li sata kellu l-attur tqieghdet f'postha meta giet pubblikata l-ittra Doc C tal-konsulent legali tieghu.**
**5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."**

3. Permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici, illikwidat bhala danni s-somma ta' mitt lira (Lm100), ikkundannat lill-konvenut ihallas dan l-ammont lill-attur bl-imghax legali mid-data ta' l-istess sentenza (cioe` mill-11 ta' Ottubru, 2001), u kkundannat lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:
"Bl-artikoli fuq imsemmija l-gurnal in kwistjoni qed jaghmel referenza ghall-incident li allegatament gara fir-rahal tan-Nadur, Ghawdex, wara l-elezzjoni tal-1998. Skond l-artikolista dan l-incident kien jinvolvi zewg kanonki li jabitaw fl-istess rahal faccata ta' xulxin, u wiehed allegatament jissimpatizza mal-partit nazzjonalista mentri l-iehor allegatament jissimpatizza mal-partit laborista. L-allegat incident ghalhekk jidher li kellu konnotazzjonijiet politici inkwantu jinghad li l-wiehed minnhom, naturalment dak ta' xaqliba nazzjonalista, ittanta li jpoggi u effettivament sussewgentement pogga, xi lumi mal-bieb tal-kanonku l-iehor. Mill-artikoli in kwistjoni jidher li qed issir referenza specifika ghall-attur billi fil-harga tat-22 ta' Ottubru 1998 jissemma bil-laqam tal-familja tieghu u cioe` tal-Grigal u sahansitra issir referenza ghall-karnaggon u fattizzi tieghu bhala l-kanonku l-Iswed.

Mill-fuq espost ma hemmx dubbju li r-riferenza ghall-attur fl-imsemmija artikolu hija wahda specifika u l-istess attur huwa facilment identifikabbli specjalment meta wiehed josserva li l-allegat incident sehh f'rahal f'Ghawdex fejn kulhadd ikun jaf lil kulhadd u partikolarment meta l-oggett tal-malafama jkun qassis u ssir referenza ghal-laqam tal-familja tieghu – haga li f'Ghawdex hija r-regola aktar milli l-eccezzjoni. F'dan is-sens it-tieni eccezzjoni tal-konvenut mhux ammissibbli.

Il-fatti relatati fl-artikoli imsemmija ma humiex bazati fuq verita'. Infatti l-attur cahad kategorikament li huwa kien involut f'xi incident bhal dak allegat fil-gazzetta sew permezz ta' ittra li intbghatet mill-avukat tieghu xi granet wara l-pubblikazzjoni u anke waqt ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Mill-parti l-ohra l-konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax il-ghala ma ghandhiex

tikkunsidra lill-konvenut bhala l-editur tal-gazzetta l-Orizzont fid-data tal-pubblikazzjonijiet imsemmija partikolarment billi dan accetta c-citazzjoni hekk kif saret in-notifika.

Fil-mertu l-konvenut ma ressaq ebda prova biex jissostanzja dak li intqal fir-rigward ta' l-attur fl-imsemmija hargiet tal-gazzetta konvenuta. Mhux talli hekk talli anke irrinunzja ghad-dritt tal-kontro ezami ta' l-istess attur. Inoltre jidher li l-linja difenzjonali tal-konvenut hija fis-sens li ghalkemm dak li intqal mhux minnu dan xorta wahda ma jintitolax lill-attur li jagixxi ghad-danni a termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta billi "*il-materjalita` tal-haga hi pjuttost haga vojta u insinifikanti".*

Din il-Qorti tissimpatizza ma dak li gie sottomess mill-konvenut billi fih innifsu l-allegat att u cioe` it-tqeghid ta' lumi wara l-bieb ta' terz ma jwassal ghall-ebda konsegwenzi serji u fil-generalita` tal-kazi tali att jittiehed bhala cajta u espressjoni ta' dispjacir ghal dak li jkun bata t-terz, bhal per ezempju f'piki ta' natura sportiva. Izda fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tistax tikkondividi s-sottomissjonijiet tal-konvenut. Wiehed irid jiftakar li dan l-incident allegatament sehh gewwa rahal zghir fil-gzira ta' Ghawdex fejn storikament l-abitanti tar-rahal jharsu b'certa rispett lejn l-qassisin tar-rahal. L-implikazzjonijiet ukoll ma kienux tant sbieh billi l-incident allegatament sehh ftit wara rizultat ta' elezzjoni generali li kienet miggielda sew u qajmet certa ferment u parteggjanizmu fil-poplu. Issa jidher li minn kiteb l-artikolu in kwistjoni kellu l-intenzjoni specifika li joskura lill-attur mal-partitarji laboristi billi gie identifikat bhala partiggjan estrem b'mod li fil-futur dan l-istess attur seta' jsib certa nuqqas ta' ko-operazzjoni minn din is-sezzjoni tal-parrocciani. Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-malafama kienet intiza u intiza ukoll li tipproduci certa effetti."

4. L-appellant Frans Ghirxi ghandu zewg aggravji, li huma riassunti tajjeb fil-paragrafu numru sebgha tar-rikors ta' appell tieghu:

**“7. Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Onor Qorti kellha tiddikjara li ma saret ebda prova mill-attur li l-esponent kien editur tal-gazzetta Orizzont meta xxandru l-kitbiet li dwarhom saret il-kawza ta’ libell u, subordinatament, dik il-kitba ma kienetx tati [recte: taghti] lok ghar-risarciment ta’ danni morali. B’dal mod it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur appellat.”**

5. Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti, ghalkemm hi tal-fehma li r-ragunar ta’ l-ewwel Qorti ma kienx ghal kollox korrett jew, ghallanqas, car, tara li pero` l-appellant ma ghandux ragun. Huwa veru li min jallega jrid jipprova, u ghalhekk f’certu sens tistona dik il-parti tas-sentenza li tghid: *“Mill-parti l-ohra il-konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn ta’ l-ewwel eccezzjoni tieghu”*. Meta jkun hemm kontestazzjoni dwar min kien l-editur meta gie ppublikat l-istampat allegatament malafamanti, ma jkunx certament jispetta lill-<u>konvenut</u> li jressaq provi biex juri <u>li hu ma kienx l-editur</u>. Anqas ma kienet korretta l-ewwel Qorti meta jidher li kkonkludiet li l-konvenut kien qed jammetti li hu kien l-editur tal-gazzetta l-Orizzont fid-data tal-pubblikazzjonijiet imsemmija semplicement ghax *“…dan accetta c-citazzjoni hekk kif saret in-notifika”*. Apparti li huwa dibattibbli, kif tajjeb osserva l-appellant, kemm huwa seta’ legalment jirrifjuta li jaccetta att gudizzjarju ndirizzat lilu (anke jekk bil-kwalifika wara ismu ta’ “editur l-Orizzont”), editur ta’ gazzetta, meta jaccetta citazzjoni, ma jkunx necessarjament jaf ghal liema harga jew hargiet partikolari tal-gazzetta tkun tirreferi dik l-istess citazzjoni. Jista’ jaghti l-kaz, per ezempju, li f’xi granet partikolari, huwa kien imsiefer u ghalhekk f’dawk il-granet kien hemm bhala editur persuna ohra. Min jircievi c-citazzjoni irid l-ewwel jaqra c-citazzjoni biex ikun jaf ghal x’hiex tirreferi u, f’kaz ta’ libell, ghal liema harga tal-gurnal qed issir referenza. Mill-banda l-ohra pero`, fil-kaz in dizamina l-konvenut ma jidhirx li qara sew id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur annessa ma’ l-istess citazzjoni qabel ma ppropona l-eccezzjonijiet tieghu. Infatti, permezz ta’ din id-dikjarazzjoni <u>li hija guramentata</u> skond il-ligi, l-attur qed <u>jafferma bil-gurament tieghu</u> li l-konvenut <u>kien</u> l-editur tal-gazzetta in kwistjoni fiz-zewg okkazzjonijiet tal-

pubblikazzjonijiet inkriminati. L-ewwel paragrafu ta' din id-dikjarazzjoni jghid testwalment hekk: *"Illi Frans Ghirxi, bhala Editur tal-Gazzetta 'l-Orizzont', permezz ta' zewg artikoli, dak ippublikat fit-tlettax (13) ta' Ottubru elf disa' mija tmienja u disghin (1998) intitolat 'Membri tal-Knisja f'tilwima fuq dendil ta' lumi ma' bieb' (Dok. A) u dak ippublikat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru elf disa' mija tmienja u disghin (1998) intitolat 'Membri tal-Knisja nvoluti f'pika politika: Kanonku jpoggi l-lumi fuq l-ghatba ta' Kanonku iehor' (Dok. B) ta' malafama lill-attur…"*. Din id-dikjarazzjoni hi prova, u konsegwentement il-"prova" li kien qed jirreferi ghaliha l-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu fil-fatt kienet saret. Jekk, mill-banda l-ohra, b'dik l-eccezzjoni l-konvenut kien qed jallega li hu ma kienx l-editur tal-gazzetta fiz-zewg okkazjonijiet aktar 'l fuq imsemmija, u allura kien qed jipprova jirribatti dik il-prova konsistenti fid-dikjarazzjoni guramentata, kien jispetta lilu li jressaq prova li fiz-zewg granet in kwistjoni hu ma kienx l-editur. Huwa biss f'dan is-sens li l-espressjoni wzata mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha -- *"Mill-parti l-ohra l-konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu"* -- taghmel sens legalment. Il-prova maghmula mill-attur dwar min kien l-editur fiz-zewg okkazjonijiet relevanti ma gietx b'xi mod ribattuta mill-konvenut. Id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ma ssemmi assolutament xejn dwar min kien jew ma kienx l-editur fiz-zewg granet relevanti. U ghalkemm l-attur stess (jew l-avukat tieghu) jidher li nesa li kien hemm id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, tant li fl-udjenza tat-2 ta' Gunju, 2000 (fol. 18) iddikjara "li m'ghandux provi aktar hlief dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut", il-konvenut, fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu pprezentata wara li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza ma jsemmi assolutament xejn dwar il-kwistjoni ta' min kien jew ma kienx l-editur fit-13/10/98 u fit-22/10/98. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

6. Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellant qieghed in effetti jghid li z-zewg artikoli ma humiex libelluzi. Din il-Qorti ma taqbilx. L-artikoli in kwistjoni kienu jghidu hekk:

**13/10/98: “Ftit tal-jiem ilu fin-Nadur, Ghawdex, zewg membri tal-Knisja kienu nvoluti f’girja rrabjata wara xulxin li seta’ kellha konsegwenzi koroh kieku ta’ quddiem ma rnexxilux jiskappa. Inghad li dan il-kaz kellu l-bidu tieghu meta wiehed minnhom mar idendel xi lumi mal-bieb ta’ l-iehor. X’aktarx li min kellu jkun “il-vittma” ta’ dan il-lumi kien qieghed jistenna xi haga bhal din, tant li kien ghassa kontinwament. Tant li qabad fil-fatt lil min kien se jdendillu l-lumi, hareg ghalih u gera warajh mhux ftit fost hafna ghajjat. Dawk li segwew dan kollu huma tal-fehma li d-dendil tal-lumi huwa konness mar-rizultat elettorali tas-6 ta’ Settembru li ghadda. Mhux maghruf x’kienet ir-reazzjoni ta’ l-Isqof t’Ghawdex ghal dak li kienu nvoluti fih z-zewg membri tal-knisja.”**

**22/10/98: “Fil-harga ta’ *l-Orizzont* tat-13 t’Ottubru li ghadda ppublikajna rapport intitolat ‘Membri tal-Knisja f’tilwima fuq dendil ta’ lumi ma’ bieb’. Fir-rapport intqal li fin-Nadur, Ghawdex, zewg membri tal-Knisja kienu nvoluti f’girja wara xulxin wara li wiehed minnhom mar idendel xi lumi mal-bieb ta’ l-iehor. Intqal ukoll li din l-azzjoni saret b’konnessjoni mar-rizultat elettorali billi wiehed mill-membri tal-Knisja jissimpatizza mal-Partit Nazzjonalista waqt li l-iehor ixaqleb lejn it-twemmin Laburista. Minn informazzjoni li ghandu dan il-gurnal jirrizulta li din l-istorja ma waqfitx hemm ghax ftit tal-jiem ilu wiehed minnhom pogga zewg lumijiet fuq l-ghatba ta’ l-iehor. Iz-zewg membri tal-Knisja – li fil-fatt huma Kanonki – joqoghdu faccata ta’ xulxin u dak li pogga z-zewg lumijiet barra li huwa maghruf li jzomm mal-Partit Nazzjonalista huwa maghruf ukoll bhala l-‘Kanonku l-Iswed’ kif ukoll il-‘Kanonku Grigar’.”**

7. Kjarament dawn iz-zewg artikoli – miktuba wiehed biex izid id-doza fuq l-iehor – jidentifikaw sacerdot partikolari u jpinguh bhala li huwa fanatiku tal-politika tant li jintilef fuq hmerijiet bhal dendil ta’ lumi mal-bieb ta’ sacerdot iehor li ma jaqbilx mal-fehmiet politici tieghu. Agir bhal dan, li kieku sehh verament, ma huwiex dehen ta’ sacerdot li hu msejjah, proprju minhabba l-istess vokazzjoni tieghu,

sabiex jahdem mal-fidili kollha fdati lilu rrispettivament mill-kulur politiku taghhom. Bl-istess mod jesponi ghar-ridikolu liz-zewg sacerdoti l-allegat li wiehed telaq jigri, kwazi b’mod sfrenat, wara l-iehor. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, iz-zewg artikoli kienu intizi b’mod car biex joskuraw lill-attur appellat ma’ sezzjoni tan-nies tan-Nadur, jekk mhux addirittura ta’ Ghawdex kollu, u dan meta rrizulta mill-provi li din l-istorja kollha kienet wahda ivvintata mill-bidu sa l-ahhar. Jekk hemm xi haga li wiehed ghandu verament jiccensura fis-sentenza appellata hu l-fatt li d-danni likwidati kienu f’ammont zghir hafna meta wiehed jikkonsidra l-malafama moghtija lill-attur.

8. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------